QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A. LL.D.

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Paul Falzon**

**Illum 1 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Paul Falzon detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 422060M talli:

1. Billi hu gie akkuzat fil-kapacita' tieghek personali u/jew bhala Direttur, Manager, Segretarju jew ufficjal simili tas-socjeta' Tlata Limited (C16319), talli nhar id-19 ta' Dicembru, 2015, gewwa 'Hardstone Quarry' numru. 32, Triq Santa Katarina, Limiti tar-Rabat, Malta, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl'arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna l-mewt ta' Carmelo Falzon, ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;***

2. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel, bhala persuna li thaddem naqas mill ihares is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 6 (1)(2)(3) ta' l-Att 27/2000 Kap 424;***

3. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel, bhala persuna li jhaddem naqas li

jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli tas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza, ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 (1) ta' l-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);***

4. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel, bhala persuna li thaddem hames haddiema jew aktar, naqas milli jzomm fil-pussess tieghu kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u tizgura li jkunu aggornati regolarment, ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 10 (2) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424,18);***

5. u aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur u/jew snin ta' qabel, bhala persuna li thaddem naqas milli

jiehu l-mizuri mehtiega sabiex tizgura li l-post tax-xoghol ikun imfassal, fabbrikat, armat, kummissjonat, operat u mantenut b'tali mod li l-haddiema jkunu jistghu jwettqu x-xoghol moghti lilhom minghajr ebda periklu ghas-sahha u s-sigurta' taghhom u, jew ghas-sahha u s-sigurta' ta' xi haddiema ohrajn; li l-operazzjoni tal-post tax-xoghol meta jkun hemm haddiema ssehh taht is-supervizjoni ta' persuna nkarigata; u l-informazzjoni, l-istruzzjoni, it-tahrig u s-supervizjoni kollha tinghata b'tali mod li tinftiehem mill-haddiema kollha involuti, ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 4 (a)(b)(d) ta' A.L. 379/2003 (S.L. 424.26);***

6. u aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel, bhala persuna li thaddem naqas milli jipprepara u zzomm aggornat Dokument tas-Sahha u s-Sigurta', ***u dan ai termini ta' l-Artikolu 5 (1)(2)(3) ta' l-A.L. 379/2003 (S.L. 424.26).***

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2018 fejn inhargu l-Artikoli tal-Ligi li bihom qed tintalab li tinstab htija u cioe':-

1) Fl-artikoli 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Fl-artikoli 6 (1)(2)(3) u 38 (1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Fir-regolamenti 10 (1) u 21 (1) tar-Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, Avviz Legali 36/2003 (Ligi Sussidjarja 424.18) taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta **u** fl-artikolu 38 (1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Fir-regolamenti 10 (2) u 21 (1) tar-Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, Avviz Legali 36/2003 (Ligi Sussidjarja 424.18 taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghar-regolament 10 (1) ta' l-istess Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, Avviz Legali 36/2003 (Ligi Sussidjarja 424.18) taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta **u** fl-artikolu 38 (1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Fir-regolament 4 (a)(b)(d) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Haddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Permezz ta' Driljar u ta' Haddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taht l-Art, Avviz Legali 379/2003 (Ligi Sussidjarja 424.26) taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghall-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u b'referenza wkoll ghar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Dispozizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, Avviz Legali 36/2003 (Ligi Sussidjarja 424.18) taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 38 (1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Fir-regolament 5 (1)(2)(3) tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Haddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Permezz ta' Driljar u ta' Haddiema fl-Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taht l-Art, Avviz Legali 379/2003 (Ligi Sussidjarja 424.26) taht il-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikolu 38 (1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

7) Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 17, 19, 20, 23, 31, 383, 384, 385 u 386, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw dawn l-Artikoli tal-Ligi l-persuna akkuzata ma kellhiex oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' dawn il-proceduri b'mod sommarju;

Rat l-atti tal-proces verbal numru 140/2017 redatt mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

IKKUNSIDRAT

Semghet ix-xhieda tal-ex **Spettur Robert Said Sarreo** fejn xehed illi dakinhar tad-dsatax (19) ta' Dicembru 2015 sehh incident gewwa barriera r-Rabat fejn kien hemm persuna li kienet mietet. Irrizulta li dan kien fil-barriera bl-isem 'Hard Stone Quarry' fi Triq Misrah is-Suffara, Rabat fejn ra li kien hemm ghadira kbira ta' tajn u kien hemm *excavator* meqlub li fih kien hemm certu Carmel Falzon li kien jinsab mejjet u mirdum go dan it-tajn.

Rapprezentant tal-OHSA u cioe' **Charles Micallef** xehed illi mar fuq il-post u ha serje ta' ritratti (Dok. CM1) u beda jinvestiga l-kaz ghaliex dak kien xogholu. Hemmhekk jghid illi tkellem ma' Paul Falzon li kien jigi hu l-vittma li dan qallu li xoghol Carmelo dakinhar kien li jaqbad ir-ramel li jkun gol-ghadira u allura jkun imxarrab, jitfghu go trakk imbaghad huwa jmur jitfa' dan ir-ramel go post iehor sabiex jinxef biex imbaghad ikun jista' jintuza fuq diversi xogholijiet. Huwa staqsa lill-imputat jekk kellux *risk assessment* ta' dak l-operat u hu wiegbu li ma kellux kif ukoll il-*health and safety document* skont l-Avviz Legali 379/2003 u qal ukoll li ma kellux. Dan kien qallu li huh kien ilu seba' (7) snin jahdem mieghu.

Instema' wkoll it-tabib **Dr. Jonathan Joslin** fejn dan kien wiehed mill-membri medici li marru fuq il-post tal-incident fejn ikkonferma li l-vittma kien ittella' mejjet minn got-tajn.

Xehed ukoll rapprezentant tar-Registru tal-kumpaniji **PL Quentin Tanti** fejn iddikjara illi l-kumpanija Tlata Limited bin-numru ta' registrazzjoni 16319 kienet giet registrata fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 1994 u ghada hekk registrata. Fid-data tal-incident id-direttur kien l-imputat Paul Falzon (ID 422060M) (Dok. QT1).

Finalment ghall-prosekuzzjoni xehed Joseph Saliba min-naha ta' Jobsplus fejn ipprezenta l-*employment history* ta' Carmel Falzon u Paul Falzon (Dok. JS1 u JS2) Sussegwentement giet ipprezentata wkoll lista ta' mpjegati ta' Tlata Limited li erronjament giet immarkata wkoll bhala Dok. JS1 imma li tinsab a fol. 182 tal-process.

Ghad-difiza xehed inkontroezami Av Mario Buttigieg fejn qal illi kien jaf bin-nomina minghand l-Ispettur Said Sarreo u dan kien qallu biex jezamina l-*excavator* u jiehu x-xhieda. Huwa jghid illi kopja tan-nomina qatt ma kien raha. Huwa jghid ukoll illi wasal ghall-konkluzjonijiet li kien wasal a bazi tax-xhieda li kien sema'. Jghid ukoll illi l-*excavator* ma setax jezaminah peress li dan kien mgharraq fl-ilma u kollox kien iggamjat. Hu jikkonferma li bhala kwalifiki fuq *health and safety* ma ghandu xejn.

Xehed ukoll inkontroezami Charles Micallef fejn huwa kkonferma li x-xhieda tieghu kienet dejjem ibbazata fuq dak li kien qallu Paul Falzon. Huwa kkonferma li bhala kawteli skont il-ligi ma kien tah xejn u kkonferma li wara dak il-perjodu li bhala Awtorita' bdew jaghtu l-kawteli skont il-ligi.

## IKKUNSIDRAT

Illi dawn il-proceduri kienu karatterizzati min-nuqqas serju ta' dettalji importanti sabiex l-akkuzi odjerni jigu ppruvati. Illi l-ufficjal investigattiv li beda jinvestiga l-kaz *de quo* minflok ma ghamel l-investigazzjonijiet tieghu paralellalment mal-inkjesta li kienet infethet ghall-kaz, strah kompletament fuq dak li kienet ser tohrog l-inkjesta u ma ghamilx *fact finding* tax-xhieda li kienu ser ikunu importanti sabiex jipprova l-kaz tieghu.

Illi gara illi fl-inkjesta kien hemm certu problemi fir-rapporti tal-esperti li ma ghamluhiex possibbli li din il-Qorti jkollha stampa cara mhux ta' dak li gara izda ta' dak li kellu jigri biex kollox imur skond il-ligijiet.

Dan qed jinghad ghaliex mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina hareg biss x'tip ta' makkinarju kien qed jintuza u li ma kienx hemm ilqugh waqt din l-operazzjoni. F'dan ir-rapport ma kienx hemm kostatazzjonijiet fuq is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u x'nuqqasijiet seta' kien hemm f'dan l-aspett.

Illi mir-rapport tal-espert Mario Buttigieg gara l-istess u dan peress illi dan l-espert gie probabbilment imqabbad sabiex jezamina l-makkinarju, stante li kif qal hu stess li tali makkinarju kien wisq mimli bit-tajn u hu ma setax jezaminah. Illi pero' dan l-espert mar oltre' n-nomina tieghu ghaliex kif ippuntwalizza tajjeb l-avukat difensur dan sema' xi xhieda, xi haga illi ma kienx innominat biex jaghmel mid-digriet tal-Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D. fid-digriet taghha datat 19 ta' Dicembru 2015 u ghalhekk tali xhieda li kien sema' qed tigi skartata minn din il-Qorti.

Illi, ugwalment jinghad ghal dak il-kumment li sar fir-rapport tal-espert Buttigieg fejn qal li minkejja li ma setax jezamina l-vettura kien hemm xi nuqqasijiet ghar-rigward is-sahha minghajr ma ggustifika tali asserzjoni.

Illi kwindi, mill-atti tal-inkjesta ma hareg xejn li jindika li kien hemm xi nuqqasijiet tar-regoli tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol min-naha tal-imputat.

Illi gara li waqt il-process tal-kumpilazzjoni l-uniku xhud li seta' kellu xi rilevanza kien ix-xhud mill-OHSA Charles Micallef li kien

fuq il-post sabiex jinvestiga l-kaz. Illi bir-rispett kollu anke din ix-xhieda ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni u dan ghaliex meta dan ix-xhud Charles Micallef tkellem mal-imputat li ovvjament wara l-incident kien diga' suspettat ghaliex kien maghruf li hu kien sid il-barriera, dan ma tahx il-kawteli skont il-ligi. Ghaldaqstant dak kollox li kien qallu l-imputat ma tistax tittiehed bhala prova valida u kwindi ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni x-xhieda kollha ta' Micallef peress li inkontroezami spjega li dak li kien xehed kien kollu bbazat fuq dak li kien qallu l-imputat.

Jirrizulta li l-bqija tat-testimonjanza tieghu m'hi xejn hlief dak li rrizultalu dak il-hin. Ma xehedx per ezempju rigward l-ezitu tal-investigazzjoni tieghu, ma xehedx x'kienu n-nuqqasijiet riskontrati, ma xehedx fuq x'kien fid-dover li l-imputat ikollu waqt tali operazzjonijiet bhala *risk assessments* etc u jispjega x'inhuma dawn id-dokumenti. Xejn minn dan ma sar! Il-kumplament tax-xhieda wehidhom u cioe' dak tar-rapprezentant tal-Jobsplus u r-rapprezentant tar-Registru tal-kumpaniji ma setghux jissanaw in-nuqqasijiet tax-xhieda l-ohra.

Illi dak li m’huwiex kontestat f’dawn il-proceduri huwa li meta l-vittma Carmel Falzon kien qieghed jimmanigga l-makkinarju, ma kienx hemm ilqugh. Pero’ sfortunatament ma giex ippruvat jekk kienx hemm bzonn ta’ lqugh jew jekk l-imputat setax jaghmel affarijiet ohra fic-cirkostanzi.

Illi dan qed jinghad ghaliex biex jirrizulta d-delitt ta’ ferita gravi nvolontarja hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f’nuqqas ta’ hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta’ hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwita b’ness ta’ kawzalita’ minn akkadut dannuz involontarju.

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Kif jispjega l-gurista Taljan Francesco Antolisei (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323), biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. Il-komuni jew l- esperjenza teknika

-- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi tal-ohrajn jigu pregudikati. Fil-fatt jghid hekk:

> *"Sorgono per tal modo, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi.... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso*

*il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-espozizzjoni. In fatti, l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", filwaqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Illi sfortunatament f'dawn il-proceduri gara illi l-esperti teknici ma' qalux x'inhuma dawn ir-regoli ta' kondotta li l-imputat kellu jadopera u jekk kienx hemm xi nuqqasijiet li l-imputat ghamel f'tali operazzjoni.

U dan ghaliex il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-imputat Paul Falzon naqas milli jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji fl-

attivita' li kien qed jikkonduci. Illi f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg dec. 31/7/1998) sar ezami approfondit tad-dottrina u gurisprudenza fuq dan is-suggett u ntqal hekk:

> *"Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz, hemm necessarjament l-element ta' attivita' dirett ghal xi fini partikolari li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjonijiet jistghu jigu lezi jew danneggjati jew ippregudikati l-interessi ta' terzi. ...*
>
> *Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn atti ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' ligijiet, regolament, ordnijiet u simili: L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli. In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkortezza ta' l-agent fil-kondotta tieghu. L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali, cioe, kif jghid il-Manzini: "inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto."*

*All-kulpa tista' tkun dovuta ukoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta'regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita' ta' hsara u dannu lil terzi, cioe', dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni, ....*

*Taht dawn il-forom ta' kondotta kolpuza sia minhabba imprudenza, negligenza, u imperizja, sia minhabba nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita'.*

*Il-prevedibilita' tibqa essenzjali taht kull forma ta' kulpa, izda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem il-nota saljenti f'kull forma kondotta kolpuza, izda ghandha gradi differenti f'kull kaz ta' imprudenza, negligenza u imperizja, mentre hija prezunta fil-forma l-ohra fejn si tratta ta' reati minhabba non-osservanza ta' ligijiet,*

*regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-kazijiet mhux possibbli jew ammess lill-agent li jressaq prova ghal kuntrarju. Hija hawnhekk prezunzjoni assoluta. Ma jistghax l-agent jghid li dak l-event dannuz li gara minhabba in-nuqqas ta' osservanza da parti tieghu ta' xi regolament ma kienx wiehed prevedibbli ghalih. Kif jghidu diversi awturi, dan hu kaz fejn dan l-element tal-prevedibilita' tal-legislatur qed jissosstitwixxi dik ta' l-agent. Hu precizament ghalhekk li kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta voluntarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat b'l-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali."*

Illi finalment il-Prosekuzzjoni kellha tipprova f'dawn il-proceduri n-*nexus* bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvatore Camilleri** (Dec Q A Krim 17/05/1948 per Imhallef Harding) inghad hekk:

*"Such need for the existence of chain of causation between the negligent act and ensuing harm is a requisite for responsibility to exist. The principle that for culpa to exist there must be the causea nexsus between act and even, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness in an act or profession but it is equally requisite in case of non observance of the regulations".*

Ikkunsidrat:

Illi gialdarba huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati*

*oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz*

*Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi gialadarba l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha kif kellha taghmel u dan billi tistabilixxi ness bejn l-allegat agir negligenti tal-imputat u l-event dannuz l-imputat ma jistax jinstab hati la tal-event dannuz u l-anqas tal-akkuzi derivanti mil-ligijiet fuq is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol u kwindi din il-Qorti ma hijiex ser tiddilunga fuqhom.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Paul Falzon** hati tal-akkuzi kollha stante li ma gewx ippruvati.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**